MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Numru. 1023/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Darren Mizzi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Darren Mizzi ta’ 22-il sena, iben Anthony u Josephine xebba Camilleri, imwieled Zabbar fl-10 ta’ Gunju 1989 u residenti gewwa Fabiola, Triq San Guzepp, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita’ numru 255189(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-13 ta’ April 2012 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha

elettronika indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta’ li ma kinux ghalqu d-disa’ snin, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 208(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Jannar 2013 (esebita a fol. 138 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 208A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
b. fl-artikoli 208AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
c. fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
d. fl-artikoli 2, 3, 6 u 7 tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-4 ta’ Gunju 2013, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-4 ta’ Gunju 2013 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-sentencing Report inserit a fol. 225 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll il-kontenut tal-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Deborah Farrugia fejn gie suggerit li l-imputat jinghata piena karcerarja sospiza flimkien ma Supervision Order u Treatment Order. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta dan ir-rapport taqbel li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza flimkien ma Supervision Order u Treatment Order huma l-aktar piena idonjea ghaliex b'dan il-mod ikun qed jibbenefika kemm l-imputat li jinghata kura professjonali sabiex jeghleb darba ghal dejjem il-problemi psikologici li jbaghti minnhom u s-socjeta' in generali wkoll tibbenefika jekk l-imputat jinghata dik il-kura professjonali u jirnexxielu jeghleb il-problemi li ghandu u fl-istess hin jigi accerat li l-agir li jifforma l-mertu ta' din il-kawza ma jergghax jirrepeti ruhu. Il-Qorti kkunsidrat ukoll lli l-imputat qed jinstab hati ta' pussess ta' materjal pornografiku u mhux ta' krejar jew traffikar tal-istess materjal.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-16 ta' Jannar 2013 u senjatament l-Artikoli 208A u 208AC tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta Ordni ta' Supervizjoni fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn (2) millum taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Deborah Farrugia skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti inoltre tqieghed lill-imputat taht Treatment Order, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali taht il-kura tal-psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood liema kura ghandha tikkonsisti f'laqghat terapewtici bi frekwenza ta' mill-anqas darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta' sentejn(2), jew skond l-istruzzjonijiet tal-istess psikologu.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta' Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-Ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u lil Kevin Sammut Henwood.

Il-Qorti inoltre tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives (Dok. JM2 u Dok. JM3) li jikkontjenu materjal pornografiku li gew elevati mill-Prosekuzzjoni u esebiti f'dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------